MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2010

Avviz Numru. 265/2006

**Middlesea Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tas-assikurat taghha Anthony Ferris u l-istess Anthony Ferris .**
**Vs**
**Robert Vicava u Keith Zammit.**

**Il-Qorti:-**

Rat illi s-socjeta attrici pprezentat rikors fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-31 t'Awissu 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti minnha bhala konsegwenza tas-serqa u sussegwentement il-hruq li garrbet il-vettura tal-marka Peugeot 206 numru ta' registrazzjoni AAP 224 li gara fil-lejl ta' bejn l-ghoxrin (20) u l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju 2005, tillikwida d-danni sofferti minnha fl-ammont ta' tlett elef u wiehed u tletin lira Maltin (LM3031.00) jew somma ohra verjuri, u dana in kwantu ghas-somma ta' elfejn disgha mija u wiehed u tletin Lira Maltin (LM2931.00) lis-socjeta' Middlesea Insurance plc u in kwantu ghal mitt Lira Maltin (LM100) lil

Anthony Ferris u tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan ir-rikors.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult (LM15), tal-ittra ufficcjali tas-sebgha (7) ta' Marzu 2006, kontra l-istess konvenuti li jibqghu ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata nhar l-erbatax (14) ta' Dicembru 2006 fejn eccepew is-segwenti:-

'*Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-konvenuti mhumiex responsabbli ghall-incident de quo u konsegwentement ghad-danni rikjesti mill-atturi.*
*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mill-atturi huwa eccessiv u ghalhekk ghandha tingieb il-prova tad-danni sofferti.*
*Salv eccezzjonijiet ulterjuri*.'

Semghet lil **PC453 Brian Cassar** jixhed nhar l-erbatax (14) ta' Mejju 2007 u jikkonferma li nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju 2005 kienet inzammet Inkjesta Magisterjali dwar hruq ta' vettura tal-ghamla Peugeot numru ta' registrazzjoni AAP 224, u huwa kien gie nominat bhala Scene of the Crime Officer mill-Magistrat tal-Ghassa u fost id-dmirijiet tieghu, li kien esegwixxa, huwa kien gibed numru ta' ritratti. Huwa esebixxa disa' (9) ritratti ta' din il-vettura li gew impoggija f'envelopp kannella u jinsabu a fol. 18 tal-process.

Illi nhar is-sittax (16) t'Ottubru 2007 xehed **John Bonnici** ghan-nom tas-socjeta' Bonnici Insurance u dan fil-kapacita' tieghu ta' Managing Director. Ikkonferma li s-socjeta' Bonnici Insurance hija agent tas-socjeta' attrici Middlesea Insurance. Ikkonferma li l-vettura tal-ghamla Peugeot 306 turbo diesel, numru ta' registrazzjoni AAP 224 kienet assikurata mas-socjeta' tieghu fix-xahar ta' Lulju tas-sena 2005, u dan f'isem Anthony Ferris, fuq

policy *third party fire and theft.* Stqarr li kien irrizultalu li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju 2005 din l-istess vettura kienet giet rappurtata misruqa minn Paceville u sussegwentment kienet instabet mahruqa u distrutta, kif irrizulta mir-ritratti li esebixxa u li gew markati bhala dok CSH.

In segwitu dan Ferris ghamel *claim* maghhom u din giet accettata, u hallsuh is-somma ta' elfejn u disa' mitt Lira maltin (LM2900). Huwa esebixxa *discharge receipt* li giet markata bhala dok CSH1, fejn dan Ferris illum ghadda d-drittijiet li kellu fuq din il-vettura lis-socjeta' attrici. Ikkonferma wkoll li huwa kien gie mgharraf mill-pulizija esekuttiva li effettivament kienu hadu passi kriminali kontra l-konvenuti, u huma kienu baghtu ittra ufficcjali lill-konvenuti sabiex jithallsu, izda il-konvenuti baqghu inadempjenti.

In kontro-ezami nhar it-tnax (12) ta' Marzu 2009, jghid li l-valur tal-vettura kif muri fil-ktieb huwa l-ammont li huma hallsu lill-attur Anthony Ferris. Huwa esebixxa l-estratt nill-ktieb, li gie mmarkat bhala dok JB. Ikkonferma li l-vettura li kellu l-attur hija tal-ghamla Peugeot 306 D Turbo u kienet *three door hatch back*. Ma kellhomx data ta' din il-vettura. Skond id-dokument JB hemm vettura bhala izda *five door* u hija XRDT bl-istess magna. Ghalkemm jghid li fis-suq kienet tiswa anqas minn dik ta' l-attur. Kellha valur ta' tlett elef u hames mitt Lira Maltin (LM3,500) u huma hargu stima fuq il-vettura tal-attur ghal tlett elef Lira Maltin (LM3,000). Ikkonferma li l-*book value* johrog mill-Assocjazzjoni tal-insurances u ghalhekk huwa gwida ghall-Insurance Companies kollha ta' Malta. Jghid ukoll li fil-ktieb dan il-mudell li kellu l-attur ma kienx hemm u kien ghalhekk li imxew b'valur approssimattiv.

Nhar is-6 ta' Mejju 2009 rega' xehed u stqarr li l-*guide book* li hadem fuqu jirreferi ghall-stimi ta' vetturi ghas-sena 2004 u l-incident tal-vettura in desamina gara fis-sena 2005. Cahad dak li gie suggerit lilu li l-mudell XRDT ikollu l-*extras* kollha fuqu, w qal li l-unika differenza li hemm bejn il-vettura tal-attur u dik li hadmu fuqha hi li l-magna tal-attur kienet Turbo, u in oltre dik tal-ktieb kienet *five door* u dik tal-attur Ferris kienet *three door hatch back*. Jghid li d-differenza bejn XRDT u XRD hija it-T ghal Turbo. Qal li huma naqqsu s-somma ta' hames mitt lira

(Lm500) mill-valur li kienet stmata ghaliex kienet ix-xewqa tal-assikurat taghhom li l-vettura tigi stmata ghal tlett elef Lira Malin (LM3000) biss. Huwa esebixxa wkoll il-*guide book* tas-sena 2005 li hareg fl-ewwel tliet xhur tas-sena 2005, li gie mmarkat bhala dok GB1. Jghid ghal darb' ohra li l-mudell XRDT ma kienx hemm, ghalkemm qal li XRD *five door* kellha valur ta' elfejn u seba mitt lira Maltin (LM2,700) (fol. 74).
Nhar l-erbgha (4) ta' Marzu 2008 xehed l-attur **Anthony Ferris** u kkonferma li huwa kien is-sid tal-vettura in desamina li kienet giet misruqa minn Paceville fil-lejl ta' bejn l-ghoxrin (20) u l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju 2005 waqt li din kienet qed tigi wzata minn ibnu Gabriel. Ikkonferma li f'xi hin fil-ghodu kienu cemplulu l-pulizija u kienu qalulu li l-vettura tieghu kienet instabet li kienet qed taqbad waqt li kienet fil-bajja tal-Kalkara. Huwa kien gie akkompanjat fuq il-post minn ufficcjali tal-pulizija u kien gharaf il-vettura bhala dik li kienet proprjeta' tieghu. Ikkonferma li l-vettura tieghu kienet koperta bil-polza

tas-sigurta' mas-socjeta' attrici, u li kien effettivament thallas tal-*claim* li kien ghamel. Jghid ukoll li ma kienx jaf jekk effettivament kienx hallas l-*excess* jew le.

Illi fit-tnax (12) t'April 2008 l-atturipprezenta l-affidavit ta' **Gabriel Ferris** (fol 47). Huwa kkonferma li bejn il-lejl tal-ghoxrin (20) u l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lullju 2005 huwa kien issellef il-vettura ta' missieru Anthony, u cioe' din in desamina u kien ipparkjaha gewwa Paceville. Qal li l-vettura kienet inxtrat *second hand* xi snin qabel, pero' kienet ikkundizzjonata tajjeb hafna. Ikkonferma li kien gie magharraf minn missieru li kienet insterqet minn Paceville u li kienet instabet fil-bajja tal-Kalkara taqbad. Ikkonferma wkoll li missieru thallas ghal *claim* li ghamel mas-socjeta' attrici.

Nhar is-sittax (16) t'April 2008 id-Direttur tal-Qorti Kriminali esebixxa sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar 2007 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Robert Vicava u Keith Zammit**. Minn ezami ta' din is-sentenza jirrizulta li l-konvenuti kienu

nstabu hatja ta’ diversi reati, fosthom ta’ serq tal-vettura in desamina u talli ghamlu hsara volontarja fuqha.

Nhar it-tnejn (2) ta’ Dicembru 2009 xehed **Stephen Cachia** ghan-nom u in rappresentanza tal-ADT u kkonferma li l-vettura Peugeot 306 nurmu ta’ registrazzjoni AAP 224 tappartjeni lil Anthony Ferris u kienet ilha registrata fuqu sa mid-disgha (9) ta’ Marzu 2001, u din giet skrappjata fit-2 ta’ Novembru 2005. Huwa esebixxa l-*log book* taghha li gie mmarkat bhala dok SC. Qal li din kienet giet registrata l-ewwel darba fil-wiehed u tletin (31) ta’ Jannar 1995, pero’ ma kienx hemm indikat x’mudell kienet. Kellha kapacita’ fil-magna ta’ 1905cc.

Nhar il-hamsa (5) ta’ Frar 2010 gie esebit l-affidavit ta’ **Dr. Anton Felice** fil-kapacita’ tieghu ta’ Direttur Genrali in rappresentanza tal-Malta Insurance Association, li gie markat bhala dok AF. (fol. 101). Spjega li kull sena l-Assocjazzjoni tal-Insurance tohrog pubblikazzjoni konsistenti fi gwida ta’ valuri tal-vetturi lill-membri taghha. Din hija ntiza *inter alia* sabiex tghin lill-assikuraturi u *surveyors* inkarigati sabiex jaghtu stimi ta’ vetturi ghal skopijiet ta’ *claims* meta l-istess vetturi isofru xi danni illi jkunu klassifikati *beyond economical repair*.

Ikkonferma li fir-rigward il-vettura tal-ghamla Peugeot mudell 306 *hatchback-diesel* bi *cubic capacity* ta’ 1905, li tkun giet immanifatturata fis-sena 1994, kellha valur ta’ elf u tmien mitt

Lira Maltin (LM1,800), skond il-gwida li harget fis-sena 1995. Meta xehed *viva voce* fil-Qorti kkonferma li l-affidavit li huwa ghamel ma kienx jirreferi ghall-vettura tal-mudell XRDT izda XLD *five door*.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-atturi qed isostnu li l-konvenuti ghandhom jinzammu responsabbli ghad-danni sofferti minnhom minhabba l-agir taghhom li serqu l-vettura u tawha n-nar, u dan fl-ammont li s-socjeta’ assikuratrici hallset lill-assikurat taghha. Min-naha l-ohra l-konvenuti

qed isostnu li l-atturi ma pprovawx sal-grad rikjest mil-Ligi li l-konvenuti ghandhom jizammu responsabbli ghad-danni li gew kagunati fil-vettura, u dan ghaliex m'hemm l-ebda prova li kienu huma, salv ghas-sentenza kriminali li giet esebita, u in oltre u bla pregudizzju ghal dak dikjarat minnhom, il-valur li gie mhallas lill-assikurat kien wiehed eccessiv.

Illi huwa minnu li l-azzjoni kriminali hija wahda distinta u separata mill-azzjoni civili, kif sostniet id-difiza tal-konvenuti, izda ma jfissirx li sentenza moghtija minn Qorti m'ghandhiex ikollha l-valur probatizju taghha. Illi skond din is-sentenza, li ma

gietx kontestata, l-konvenuti gew misjuba hatja talli serqu l-vettura fuq imsemmija, u talli kkagunaw hsarat fuqha fil-lejl ta' bejn l-ghoxrin (20) u l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju 2005. Illi m'hemmx dubbju li din is-sentenza titkellem fuq il-vettura proprjeta' tal-attur Anthony Ferris, u cioe' dik li nstabet il- Kalkara l-ghada fil-ghodu mill-pulizija esekuttiva. Illi l-konvenuti ma xehdux f'dawn il-proceduri u ghalhekk din il-prova imressqa mill-atturi ma giet imfixkla bl-ebda mod, u peress li ghandha mis-sewwa, ghaliex huwa dukument pubbliku w awtentikat, u mhux kontestat, ghalhekk din il-Qorti qed izzomm lill-konvenuti responsabbli ghad-danni li sofrew l-atturi.

Illi dwar il-*quantum,* il-konvenuti qed jghidu li s-socjeta' attrici hallset izzejjed. Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-vettura in kwistjoni XRDT, ma kinitx identifikata fil-ktieb gwida li tohrog l-Association of Insurances, kif *del resto* kkonferma kemm John Bonnici li xehed ghan-nom tas-socjeta' assikuratrici Bonnici Insurance, kif ukoll Dr. Anton Felice li xehed bhala Direttur ta' din l-istess assoccjazzjoni. Illi pero' jirrizulta li kien hemm vettura simili, u cioe' Peugeot XRD li hija vettura tal-istss ghamla, bl-istess cilindrata wkoll diesel, izda mhux Turbo. Jirrizulta li l-vettura ghalkemm manifatturata fis-sena 1994 giet registrata hawn Malta f'Jannar 1995.

Illi m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li din il-vettura, li nsterqet fis-sena 2005, kienet tghajjat lill-attur Anthony

Ferris u li effettivament thallas is-somma ta’ elfejn u disgha mitt Lira Maltin (LM2900) tad-danni li sofra. Illi s-socjeta’ assikuratrici, tramite x-xhud taghha John Bonnici, spjegat li hija waslet ghal din is-somma billi ghalkemm il-vettura ‘n kwistjoni ma kinitx imsemmija fil-ktieb, huma mxew fuq stima ta’ vettura simili, u cioe’ ta’ Peugeot XRD manifatturata fis-sena 1994 li kellha valur ta’ tlett elf u hames mitt Lira Maltin (LM3,500). Jghid pero’ li l-attur Ferris kien ried li tigi stmata ghall-valur ta’ tlett elef Lira Maltin (LM3,000), u kien ghalhekk li hadmu fuq dan l-ammont.

Fir-realta’ ghalhekk jirrizulta li l-attur Ferris ircieva inqas mill-valur reali taghha. L-Qorti timmagina li gie moghti s-somma ta’ elfejn u disgha mitt Lira Maltin (LM2900) u mhux tlett elef Lira Maltin (LM3000), ghaliex l-attur kellu jhallas l-*excess* ta’ mitt Lira Maltin (LM100), haga li pero’ mill-atti ma tirrizultax li effettivament saret.

Il-konvenuti qed isostnu li s-socjeta’ assikuratici kellha thallas lill-attur Ferris is-somma ta’ elf u tmien mitt Lira Maltin (Lm1800), kif imsemmi minn Dr. Anton Felice fl-affidavit tieghu. Il-Qorti ma taqbilx ma’ din it-tezi, ghaliex filwaqt li dan ix-xhud jghid *viva voce* fil-Qorti li din l-istima ma tapplikax ghal kaz in ezami ghaliex ma tapplikax ghall-vettura mudell XRDT izda XLD.

Illi jinghad pero’ li ma jirrizultax li l-attur Ferris hallas xi *excess* ta’ mitt Lira Maltin (Lm100) u ghalhekk il-konvenuti m’ghandhomx jinzammu responsabbli ghal dan il-hlas.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti mis-socjeta’ attrici li l-ammont ta’ flus li hija ghaddiet lill-attur Ferris huwa gustifikat .

Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuti *in solidum* ghandhom jinzammu responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici fis-serq u konsegwenti hruq tal-vettura Peugeot XRDT numru ta’ registrazzjoni AAP 224 nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Lulju 2005, u dan fl-ammont ta’ elfejn u disgha mitt Lira Maltin (LM 2,900), u cioe’ tas-somma li hija hallset lill-attur Anthony Ferris.

**Ghalhekk filwaqt li tichad l-ecezzjonijiet tal-konvenuti, qed tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici w tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* ihallsuha din l-istess somma hekk likwidata ta' sitt elef sebgha mija u hamsa u hamsin Ewro u tmintax-il**

**centezmu (€6755.18) ekwivalenti elfejn u disgha mitt Lira Maltin (LM2900), filwaqt li tichad it-talba tal-attur Anthony Ferris ghall-hlas ta' mitt Lira Maltin (Lm 100).**

**Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-Ligi, jithallsu mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------